2024/1971

16.7.2024

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1971

## tal-15 ta' Lulju 2024

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/1529 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1529 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għal gruppi u entitajiet armati fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun tal-Baħar l-Aħmar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7, il-paragrafi (3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2023/1529.

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 ([2]), il-Kunsill iddeċieda li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jiġġeddu sas-27 ta' Lulju 2025.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-entrati li jikkonċernaw erba' persuni u żewġ entitajiet dežinjati fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 jenħtieġ li jiġu aġġornati

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1529 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

NAGY I.

([1]) ĠU L 186, 25.7.2023, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20).

*ANNESS*

L-Anness III tar-Regolament (UE) 2023/1529, intitolat “Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3”, huwa emendat kif ġej:

(1) fil-lista intitolata “A. Persuni fiżiċi”, l-entrati 1, 2, 3 u 6 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| “1. | Hadi ZAHOURIAN | هادی ظهوریان<br>(Ortografija Farsi) | Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta’ Shakad Sanat Asmari<br>Post tat-twelid: Tehran, Iran<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: Raġel<br>Numru tal-passaport: 0055312047 (ID nazzjonali)<br>Entitajiet assoċjati: Shakad Sanat Asmari | Hadi Zahourian huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta’ Shakad Sanat Asmari.<br>Shakad Sanat Asmari hija kumpanija Iranjana li tiżviluppa u timmanifattura komponenti għall-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) Shahed.<br>Bħala s-CEO ta’ Shakad Sanat Asmari, Hadi Zahourian għalhekk qed jappoġġa u huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023 |

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 2. | Mohammad Shahab KHANIAN | محمد شهاب خانیان<br>(Ortografija Farsi) | Pożizzjoni(jiet): Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta' Shakad Sanat Asmari<br>Post tat-twelid: Mashhad, Iran<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: Raġel<br>Numru tal-passaport: 0930588411 (ID nazzjonali)<br>Entitajiet assoċjati: Shakad Sanat Asmari | Mohammad Shahab Khanian huwa l-Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta' Shakad Sanat Asmari.<br>Shakad Sanat Asmari hija kumpanija Iranjana li tiżviluppa u timmanifattura komponenti għall-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) Shahed.<br>Bħala l-Viċi CEO ta' Shakad Sanat Asmari, Mohammad Shahab Khanian għalhekk qed jappoġġa u huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023 |

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 3. | Ehsan Rahat VARNOSFADRANI | احسان راحت وارنوسفدرانی<br>(Ortografija Farsi) | Pożizzjoni(jiet): Xjenzjat prinċipali ta' Shakad Sanat Asmari<br>Data tat-twelid: 1983<br>Post tat-twelid: Bahman, Iran<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: Raġel<br>Entitajiet assoċjati: Shakad Sanat Asmari | Ehsan Rahat Varnosfadrani huwa x-Xjenzjat Prinċipali u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta' Shakad Sanat Asmari.<br>Shakad Sanat Asmari hija kumpanija Iranjana li tiżviluppa u timmanifattura komponenti għall-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) Shahed.<br>Bħala x-Xjenzjat Prinċipali u l-eks CEO ta' Shakad Sanat Asmari, Ehsan Rahat Varnosfadrani għalhekk qed jappoġġa u huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023 |

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 6. | Ehsan IMANINEJAD<br><br>magħruf ukoll bħala Ehsan IMANIJAD | احسان ایمانی نژاد<br><br>(Ortografija Farsi) | Pożizzjoni(jiet): Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta' Saad Sazeh Faraz Sharif<br><br>Data tat-twelid: 1982<br><br>Post tat-twelid: Shahrivar, Iran<br><br>Nazzjonalità: Iranjana<br><br>Sess: Raġel<br><br>Entitajiet assoċjati: Saad Sazeh Faraz Sharif | Ehsan Imaninejad huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv (CEO) ta' Saad Sazeh Faraz Sharif.<br><br>Saad Sazeh Faraz Sharif (magħrufa wkoll bħala Daria Fanavar Borhan Sharif) hija kumpanija Iranjana li toffri servizzi ta' inġinerija ajruspazjali u timmanifattura partijiet mill-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ Shahed (UAVs).<br><br>Bħala CEO ta' Saad Sazeh Faraz Sharif, Ehsan Imaninejad għalhekk qed jappoġġa u huwa involut fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023” |

(2) fil-lista intitolata “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”, l-entrati 1 u 4 huma sostitwiti b’dan li ġej:

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| “1. | Shakad Sanat Asmari | شکاد صنعت آسماری<br>(Ortografija Farsi) | Indirizz: Haft-e Tir Sq, 378 Moftah Shomali St, third floor, Tehran, Iran, postal code 1588944546<br>Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata<br>Post tar-reġistrazzjoni: Tehran, Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 24.10.2016<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>ID nazzjonali: 14006189580<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 498744<br>Individwi assoċjati: Hadi Zahourian (Uffiċjal Kap Eżekuttiv); Mohammad Shahab Khanian (Viċi Uffiċjal Kap Eżekuttiv); Ehsan Rahat Varnosfadrani (Xjenzjat Prinċipali u eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv) | Shakad Sanat Asmari hija kumpanija Iranjana li tiżviluppa u timmanifattura komponenti għall-vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (UAVs) Shahed.<br>Għalhekk hija qed tappoġġa u hija involuta fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023 |

| | Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin) | Ismijiet | Informazzjoni għall-identifikazzjoni | Raġunijiet għall-elenkar | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|---|
| 4. | Sarmad Electronic Sepahan Company<br><br>Magħrufa wkoll bħala<br><br>Sarmad Electronics; Sarmad Electronic Sepahan; Sarmad Electronics Co. | سرمد الکترونیک سپاهان<br><br>(Ortografija Farsi) | Indirizz: Second Floor, No 309, Alley 28, South Abou Na'im Street, Jaber Ansari Street, Isfahan, Iran<br><br>Post tar-reġistrazzjoni: Iran<br><br>Data tar-reġistrazzjoni: 2014<br><br>Post prinċipali tan-negozju: Iran | Sarmad Electronic Sepahan Company hija kumpanija Iranjana li tipproduċi l-komponenti speċifiċi użati fil-vetturi tal-ajru Iranjani mingħajr ekwipaġġ (UAVs).<br><br>Dawk il-UAVs jintużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Servomoturi u flowmotors f'UAVs Iranjani maqlugħa li nstabu fil-kamp tal-battalja tal-Ukrajna ġew rintraċċati lura direttament lejn Sarmad Electronic Sepahan Company.<br><br>Il-kumpanija nnifisha tirreklama l-attivitajiet tagħha fl-Iran billi tiddikjara li hija attiva f'industriji sensittivi kbar fil-pajjiż, inkluża dik tal-UAVs.<br><br>Għalhekk hija qed tappoġġa u hija involuta fil-programm tal-UAVs tal-Iran. | 11.12.2023” |